MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2002

Numru 894/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J. Gatt)**

**vs**

**Anthony Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Anthony Tanti bin Joseph u Rose Busuttil residenti 6, Qrejten Street, Msida, u bin-numru tal-karta ta’ l-identita’, 539062(M) talli fil-lejl bejn it-18 u 19 ta’ Dicembru, 1999 gewwa l-Msida:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Andrew Tanti f’periklu car, permezz ta’ arma bil-ponta u taqta, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Andrew Tanti, liema hsara hija offiza gravi li kkagunat debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem jew gabet difett permanenti f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem, jew gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew

f-wahda mill-idejn ta' Andrew Tanti kif iccertifika Dr. E. Darmanin M.D. ta' l-Isptar San Luqa,

2. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Andrew Tanti,

3. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi zamm u garr arma li taqta` u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija,

4. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-prsuna ta' Andrew Tanti,

5. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor,

6. talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Andrew Tanti sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Rat l-Artikoli ta' l-Avukat Generali li bihom baghat l-atti lill-din il-Qorti sabiex tiddeciedi jekk tinstabx htija jew htijiet kontra l-imputat taht l-Artikoli tal-Ligi minnu citati wara li tisma l-ahhar provi tal-prosekuzzjoni;

Rat li l-prosekuzzjoni ma kelliex aktar provi;

Semghet lill-imputat jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tinstemgha u tigi deciza minn din il-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat li kkaguna feriti gravi li anke gabu disabilita` permanenti taht l-Artikolu 218;

Wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi, il-fatt li t-tilwima kienet wahda familjari u li hu l-imputat hafer lill-imputat, ukoll in-natura tal-feriti; tiddeciedi, filwaqt li ssib l-imputat hati ta' l-

akkuzi, li tapplika l-Artikolu 28A tal-Kap.9 u tikkundannah gimgha prigunerija sospiza ghal sena wara li rat l-Artikolu tal-Ligi citata mill-Avukat Generali u ghab-bazi ta' l-istess.

--------------------------------TMIEM--------------------------------